# REGOLAMENTI TAL-KAMPJONAT

# Staġun 2020 - 2021

**(VERŻJONI 29.09.2020)**

THE YOUTH FOOTBALL ASSOCIATION

AFFILIATED WITH THE MALTA FOOTBALL ASSOCIATION

# KONTENUT

1. Skop ........ 1
2. Eliġibbiltà ........ 1
3. Eliġġibiltà tal-Plejers ........ 2
4. Regolamenti għall-Kampjonat Under 14 u U13 Inħobb il-Futbol Events ........ 3
5. Green Passport (6 – 12 -il sena) ........ 3
6. Kompetizzjonijiet / Festivals / Tournaments ........ 4
7. Amalgamazzjoni ta' nurseries ........ 6
8. Deċiżjonijiet tal-Bord tad-Dixxiplina ta` The Youth F.A. ........ 6
9. Kontroll tal-logħob ........ 7
10. Abbandun ta' logħba ........ 7
11. Lista tal-Plejers u Uffiċjali tal-Club / Nursery fil-logħob kompetittiv ........ 7
12. ID Cards tal-Plejers ........ 8
13. Sostituzzjonijiet waqt il-logħba ........ 9
14. Release tal-Plejer ........ 9
15. Numru ta' Plejers fil-Ground ........ 10
16. Għaxar Minuti ........ 10
17. Fixtures ........ 10
18. Ground Restricted Area (G.R.A) ........ 11
19. Crowding ........ 11
20. Punti mneħħija mill-Klassifika ........ 11
21. Ċerimonja qabel u wara l-Partita ........ 12
22. Kit tal-Plejers ........ 12
23. Bdil ta' Kuluri ........ 12
24. Ineliġibbiltà ........ 12
25. Superviżjoni waqt il-Logħob ........ 12
26. Stewards ........ 12

27. Servizz Mediku ........ 14

28. Polza t'Assigurazzjoni ........ 15

29. Protesti ........ 15

30. Emendi għar-Regolamenti tal-Kompetizzjoni ........ 16

31. Permess għal-Logħbiet u organizzazjoni ta' Tournaments u Festivals ........ 16

32. Associate Members 2 ........ 16

33. Imġieba ta' Uffiċjal / Membru tal-Kumitat, Plejers, Coaches u Partitarji ........ 17

34. Użu ta' apparat elettroniku ........ 18

35. Mementos u Trofej ........ 18

36. PLAYFAIR Award ........ 19

37. Talbiet meħtieġa għall-parteċipazzjoni f'tournaments/festivals lokali u barra minn Malta minn plejers/coaches/diriġenti f'isem skejjel jew clubs li mhux liċenzjati mill-M.F.A. jew affiljati mal- Y.F.A. ........ 19

38. Regoli u Proċeduri tal-Malta F.A. ........ 19

39. Regolamenti marbuta ma' Covid-19 ........ 19

40. Force Majeur ........ 20

41. Deċiżjonijiet Finali ........ 20

42. Interpretazzjoni tar-Regolamenti ........ 20

Appendix A – Change or correction to the Official Match Report Form already given to the Referee 21

## 1. Skop

The Youth F.A. torganizza Festivals, Tournaments u Kompetizzjonijiet tal-futbol għat-tfal u żgħażagħ taħt it-tmintax-il sena (18). Dawn il-Competition Rules huma għal-livell ta` Kompetizzjoni, Festivals jew Tournaments.

## 2. Eliġibbiltà

a) Klabbs / Nurseries li għandhom il-liċenzja biex joperaw Nursery fl-iskema ta` liċenzjar tan-Nurseries, għandhom josservaw strettament ir-regolamenti tal-Malta F.A. fir-rigward tan-Nurseries.

b) **Plejers akkreditati**
Plejer biex jitqies li hu eliġibbli biex jilgħab ma' Youth Club jew inkella man-Nursery tal-M.F.A. 'Parent Club' fil-Kompetizzjoni ta' "The Youth F.A.";

(i) Irid ikun ġie rreġistrat bħala Plejer ma' l-M.F.A skont l-istess regolamenti tal-M.F.A mal-Malta F.A. 'Parent Club' partikulari, jew;

(ii) Ikun ġie rreġistrat bħala Plejer ma' "The Youth F.A." skont l-istess regolamenti ta' "The Youth F.A." mal-Klabb / Nursery li jkun inħarġulu reġistrazzjonijiet minn "The Youth F.A.". Din it-tip ta' reġistrazzjoni tapplika biss għall-festivals minn U13 'l isfel. Jew;

(iii) Xi regolament ieħor li jirrigwardja l-eliġibbiltà ta' Plejer maħruġ mill-Malta F.A.

c) **Plejers barranin**
Waqt logħob tal-Kampjonati/festivals minn U13 'il fuq organizzati mill-Youth FA, plejers hekk imsejjħa barranin li jkunu rreġistrati għand l-MFA jew Youth FA Green Passport, huma żewġ (2) plejers biss eleġibbli li jieħdu sehem 'on the field of play'.

d) **Cut-off dates għal-leagues u festivals ta' "The Youth FA"**

| **STAĠUN** | **U17** | **U15** | **U13** | **U11** | **U9** | **U7** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Staġun 2020-2021 | 1st Jan 2004 31st Dec 2005 | 1st Jan 2006 31st Dec 2007 | 1st Jan 2008 31st Dec 2009 | 1st Jan 2010 31st Dec 2011 | 1st Jan 2012 31st Dec 2013 | 1st Jan 2014 31st Dec 2015 |

e) **Registrations**

Plejer li jkun:

(i) Irreġistra mal-Youth FA jew Malta F.A. skont l-aħħar regolamenti maħruġa mill-MFA jew Youth FA, liema reġistrazzjoni tiġi milqugħa mill-Malta F.A. jew Youth FA huwa eliġibbli li jieħu sehem fil-Festival Under 13 organizzat minn The Youth FA, u għandu jibqa' jieħu sehem mal-Youth Club jew Nursery ta` l-istess Malta F.A. Parents Club sakemm tibqa' eliġibbli r-reġistrazzjoni tiegħu għand l-istess Malta F.A., u/jew fuq il-Green Passport (6 – 12) tal-Youth FA.

(ii) Irreġistra mal-Malta F.A. skont l-aħħar regolamenti maħruġa mill-MFA, liema registration tiġi milqugħa mill-Malta F.A. huwa eliġibbli li jieħu sehem fil-Kompetizzjonijiet Under 14, Under 15 jew Under 17 organizzati minn The Youth F.A., għandu jibqa' jieħu sehem mal-Youth Club jew Nursery ta` l-istess Malta F.A. Parent Club sakemm tibqa' eliġibbli li jilgħab fil-Kompetizzjonijiet ta' Under 14, Under 15 jew Under 17 diment illi l-plejer ma jiġix Released mill-istess Malta F.A. Parent Club jew b`deċiżjoni tal-Malta F.A.

(iii) Meta plejer jiġi trasferit jew misluf minn klabb għall-ieħor, ir-regolamenti tal-MFA fir-rigward ta' self jew transfer ta' *amateur player* japplikaw.

(iv) Inkiteb fuq il-Green Passport (6 – 12 sena) sabiex jieħu sehem fil-Festival / Fun Games organizzati minn The Youth FA.

Il-plejer jista' jimxi min-nursery għall-oħra fi tmiem ta' kull staġun mingħajr ebda ħlas jew forma ta' kumpens. Il-plejer, per etika għandu jikteb uffiċjalment lin-nursery u jikkopja lill-YFA b'din il-bidla sal-1 t'Ottubru. Wara din id-data ma jkunx jista' jsir ebda trasferment min-nursery għall-oħra, jekk mhux bi qbil bejn iż-żewġ nurseries.

## 3. <u>Eliġġibiltà tal-Plejers</u>

***Kompetizzjonijiet / Festivals / Tournaments***

(a) Fil-livell tal-Festivals / Fun Games Under 9, plejer huwa eliġibbli jieħu sehem biss man-Nursery fl-Iskema Inħobb il-Futbol kemm -il darba The Youth F.A. tkun irċeviet mingħand in-Nursery il-Green Passport (YFA 6 – 12 –il sena) ta` l-imsemmi plejer mimlija saż-żmien stipulat.

(b) Fil-livell tal-Festivals / Fun Games Under 11, plejer huwa eleġibbli jieħu sehem biss man-Nursery tiegħu kemm -il darba The Youth F.A. tkun irċeviet mingħand in-Nursery il-Green Passport (YFA 6 – 12 –il sena) ta` l-imsemmi plejer mimlija saż-żmien stipulat.

(c) Fil-livell tal-Festival / Kampjonat Under 13 plejer huwa eliġibbli li jieħu sehem ma` Youth Club jew Nursery tal-Malta F.A. Parent Club li miegħu l-imsemmi plejer ikun irreġistra fi ħdan l-Malta F.A. u/jew fuq il-Green Passport (6 – 12) tal-Youth FA. Il-plejer irid ikun ta` età skont regolament Nru. 2(d).

(d) Fil-livell tal-Kompetizzjoni Under 14 plejer huwa eliġibbli li jieħu sehem ma' Youth Club jew Nursery tal-Malta F.A. Parent Club li miegħu l-imsemmi plejer ikun irreġistra fi ħdan l-Malta F.A. skont l-aħħar regolamenti maħruġa mill-MFA. Il-plejer irid ikun ta' eta' skont kif stipulati fir-regolamenti tal-kampjonat Under 14.

(e) Fil-livell tal-Kompetizzjoni Under 15 plejer huwa eliġibbli li jieħu sehem ma` Youth Club jew Nursery tal-Malta F.A. Parent Club li miegħu l-imsemmi plejer ikun irreġistra fi ħdan l-Malta F.A. skont l-aħħar regolamenti maħruġa mill-MFA. Il-plejer irid ikun ta` eta` skont regolament Nru. 2(d).

(f) Fil-livell tal-Kompetizzjoni Under 17 plejer huwa eliġibbli li jieħu sehem ma` Youth Club jew Nursery tal-Malta F.A. Parent Club li miegħu l-imsemmi plejer ikun irreġistra fi ħdan l-Malta F.A. skont l-aħħar regolamenti maħruġa mill-MFA. Il-plejer irid ikun ta`eta skont regolament Nru. 2(d).

(g) Plejer li jkun qed jieħu parti / lagħab fil-livell ta` Kompetizzjoni Under 15, u matul l-istaġun kurrenti, jagħlaq l-14 -ilsena, jista' jirreġistra ma` l-istess Malta F.A. Parent Club, iżda jrid ikompli l-istaġun fil-Kompetizzjoni Under 15.

(h) Meta plejer ikollu ismu imniżżel fuq il-line-up huwa meqjus li ħa sehem f`dik il-logħba partikolari, sew jekk lagħab jew ma lagħabx, dan għal skopijiet ta` eliġġibiltà. Pero, jekk ma lagħabx, għal kull skop ieħor huwa meqjus li ma ħax sehem f`dik imsemmija logħba.

(i) The Youth F.A. tista' toħroġ reġistrazzjonijiet għall-Kompetizzjonijiet / Festivals / Tournaments fuq imsemmija jekk ikun hemm bżonn kif jidhirlu l-Kunsill. Dawn ir-reġistrazzjonijiet ikunu validi biss għal staġun wieħed u skont kundizzjonijiet stipulati mill-istess Kunsill. Kull regolament f`dawn il-Competition Rules huwa validu għal dawn it-tip ta` Registrations jekk ma jkunx avżat. Addizzjonalment, kopja tal-kundizzjonijiet tiġi ċċirkolata lill-Clubs / Nurseries Membri affiljati ma' The Youth F.A.

## 4. <u>Regolamenti għall-Kampjonat Under 14 u U13 Inħobb il-Futbol Events</u>

Il-Youth FA tikkomunika r-regolamenti li japplikaw għal dawn l-Events skont kif maqbul maċ-Ċentru Tekniku.

## 5. <u>Green Passport (6 – 12 -il sena)</u>

a) Fir-rigward ta` The Youth F.A. huwa importanti li;

(i) Kull plejer bejn is-sitta (6) u t-tnax (12) -il sena li qed jattendi għat-taħriġ fin-Nursery għandu jkollu mimlija bid-dettalji kollha meħtieġa, fuq il-Green Passport mhux aktar tard minn sebat (7) ijiem wara li l-imsemmi plejer ikun beda t-taħriġ man-Nursery.

(ii) Klabb / Nursery għand jżomm kopja tal-Green Passport imdaħħal għand l-Assoċċazzjoni bħala xhieda illi l-imsemmi plejer jifforma parti min-Nursery.

(iii) Il-Green Passport huwa validu għal perjodu stabbilit;
*Green Passport ( 6 -12 –il sena)*
Il-Plejer għandu dritt jiċċaqlaq malli jispiċċa kull staġun. Għall-Assoċjazzjoni, f'din il-kategorija ta' bejn is-6 u t-12 –il sena, it-tmiem ta' l-istaġun huwa l-15 ta' Ġunju filwaqt li l-bidu ta' l-istaġun ta' wara huwa l-1 t'Ottubru. L-*enrolments* il-ġodda jibdew jintlaqgħu għand il-Youth FA mil-15 ta' Lulju.

b) L-Enrolment tal-plejers biex jieħdu sehem fil-Festivals ta` The Youth FA trid issir fuq il-Green Passport maħruġ mill-istess The Youth F.A. Il-Green Passport mimli komplut irid jasal għand is-segretarjat ta` The Youth FA flimkien maċ-ċertifikat tat-twelid, ċertifikat mediku validu u żewg ritratti (qies tal-passaport) meħuda riċentament, mhux aktar tard minn sebat (7) ijiem wara li l-imsemmi plejer ikun beda t-taħriġ man-Nursery. Kull Nursery irid ikollha minimu ta` għoxrin (20) tifel irreġistrati magħha għall-kategorija ta` Fun Games Under 9 u Under 11 jew Under 13. Fil-każ ta` Nursery illi waqt taħriġ, festival organizzat minn The Youth FA jew inkella waqt Festival / Tournament organizzat bil-permess ta` The Youth FA jew taċ-Ċentru Tekniku tinstab ħatja illi għamlet użu minn plejer li jkun Enrolled ma` Nursery oħra fuq The Youth FA Enrolment Form, tiġi dixxiplinata mill-Kunsill ta` The Youth FA.

c) Bejn l-età ta' 6 u 12 –il sena meta plejer ikun enrolled mhux permess ebda ħlas, kumpens jew inċentiv ieħor, ta' kwalunkwe natura, waqt li plejer enrolled ma' nursery jimxi għal-nursery oħra, kemm bejn in-nurseries u anke inċentiv ta' kwalunkwe tip lil-plejer inkwistjoni. Dawk kollha (amministraturi, nurseries, ġenituri, plejers u coaches) li jinstabu ħatja b'mod jew ieħor in-konnessjoni ma' dan il-ksur, tittieħed kull dixxiplina meħtieġa skont kif jidhirlu l-Kunsill u/jew il-Bord tad-Dixxiplina.

d) Il-Kunsill / Bord tad-Dixxiplina għandu d-dritt li jieħu dawn il-miżuri dixiplinarji f'każ ta' ksur;

(i) Jordna li l-plejer inkwistjoni jirritorna għand dik in-Nursery li magħha kien il-plejer l-ewwel dejjem skont ir-rekords tal-Assoċjazzjoni. Dan għandu jibqa' *enrolled* ma` l-istess Nursery sakemm jintemm il-perjodu regolamentari jew jingħata r-release jew b`deċiżjoni ta` The Youth F.A.

(ii) Jimmulta lil dik in-Nursery li nstabet ħatja s-somma ta` mhux anqas minn 120 ewro u mhux aktar minn 250 ewro.

(iii) Jista jissospendi lil dik in-Nursery ħatja minn kwalunkwe attività ta` The Youth FA fir-rigward tal-livell ta` Nursery jew inkella attività li ssir bil-permess ta` The Youth F.A. matul l-istaġun attwali. Fil-każ illi n-Nursery tinstab ħatja f `aktar minn każ ta` plejer wieħed, il-Kunsill ta` The Youth FA jista' jkun kostrett illi apparti miżuri dixxiplinarji msemmija aktar qabel jissospendi lil dik in-Nursery għall-kumplament ta` l-istaġun minn kull attivita' organizzata mill- istess The Youth FA.

## 6. <u>Kompetizzjonijiet / Festivals / Tournaments</u>

### a) Numru ta' plejers

Biex nursery tipparteċipa fil-kompetizzjonijiet tal-Youth FA irid ikollha mhux anqas minn 20 plejer reġistrati mal-MFA fil-kategorija rispettiva tal-kompetizzjoni.

### b) Ħlas tal-parteċipazzjoni

i) Affiljazzjoni kull stagun: Euro 200.00
ii) Partecipazzjoni U17: Euro 100
iii) Partecipazzjoni U15: Euro 100
iv) Partecipazzjoni U13 u U11: Euro 75.00
v) Depożitu ta' € 160 (Full - Founder Member) għall-kompetizzjoni U/17 u U15 u festivals

### c) Ħin

Il-ħinijiet tal-logħbiet tal-Festivals / Tournaments tal-futbol organizzati minn The Youth F.A. huma dawk stipulati mil-*Youth and Grassroots Committee* jew miċ-Ċentru Tekniku, waqt li l-ħinijiet tal-kompetizzjonijiet huma:

(i) Logħbiet Under 17 = 90 minuta; żewġ taqsimiet ta` 45 minuta -l waħda
(ii) Logħbiet Under 15 = 70 minuta; żewġ taqsimiet ta` 35 minuta -l waħda

Jekk Klabb / Nursery jinstab ħati ta` dewmien biex tibda l-partita dan jeħel multa ta` 100 ewro.

**d) Punti / Klassifika / Knock-Out**

Jingħataw tliet (3) punti lit-tim rebbieħ għal kull rebħa li jagħmel u punt wieħed (1) lil kull tim f `każ ta` draw fil-Kampjonati U/15 - U/17 biss.

Fil-Kompetizzjonijiet U/17 u U/15 – Kompetizzjonijiet K.O. -Semi Finali u Finali, u Deciders meta partita tispiċċa fid-draw fil-ħin regolamentari, għandu jingħata l-ħin supplimentari ta` 20 minuta (10 minuti kull taqsima). Jekk fil-ħin supplimentari r-riżultat jibqa' ta` draw (parità), jingħataw il-penalties skont ir-regolamenti tal-FIFA. Fil-fażi ta' qabel is-semi-Finali, Kompetizzjonijiet / K.O., għandhom jingħataw mill-ewwel il-penalties, 5 (ħamsa) għal kull tim, jew skont kemm ikun meħtieġ biex joħroġ ir-rebbieħ.

F'każ ta` parità ta` punti bejn żewġ timijiet, biex ikun deċiż ir-rebbieħ ta' kampjonat, promozzjoni jew relegation, għandha ssir *decider* jekk ikun meħtieġ, jingħata l-*extra time* ta` għoxrin minuta (20), żewġ taqsimiet ta` għaxar (10) minuti -l wahda, jekk ikun meħtieġ ukoll wara jingħataw il-penalties ħamsa (5), għal kull tim, jew sakemm joħroġ rebbieħ.

F`każ li jkun hemm iżjed minn żewġ timijiet f'parità ta' punti, jew għal kwalunkwe fini oħra ta` klassifika, kif ukoll fil-fażi tal-gruppi, japplika dan li ġej:

(i) Għandu jitqies il-konfront dirett bejn it-timijiet involuti biss.
(ii) Differenza ta` goals bejn it-timijiet involuti biss.
(iii) Goals skurjati favur bejn it-timijiet involuti biss.
(iv) Numru ta` partiti mirbuħa matul l-istaġun kurrenti.
(v) F `każ li ma tkunx solvuta din is-sitwazzjoni wara li jkun ġie applikat dan kollu, il-Kunsill iżomm id-dritt li jieħu deċiżjoni huwa dwar x`għandu jsir.

Fil-fażi tal-Gruppi ta' Sezzjoni 'D' u 'E', meta żewġ timijiet jew aktar jispiċċaw b'parita' ta' punti biex jiġi stabbilit min sejjer jilgħab f'liema sezzjoni għandhom japplikaw ir-regoli 6d(i) sa 6d(v).

Meta jkun hemm aktar minn disa' timijiet allokati għal Sezzjoni E u din is-Sezzjoni tkun maqsuma f'żewġ Gruppi, għandhom ukoll japplikaw ir-regoli 6d(i) sa 6d(v) biex jiġi determinat min ser ikunu dawk it-timijiet li jilagħbu *decider* u jiġu promossi għal Sezzjoni 'D' l-istaġun ta' wara.

Meta Sezzjoni 'E' tkun magħmula minn disa' timijiet jew anqas, regola 6d għandha tapplika.

**e) Yellow/Red Cards fil-Kompetizzjonijiet tal-Youth FA.**

Ir-regolamenti dwar il-karti sofor u ħomor, inkluż ħlasijiet huma dawk kif hemm fir-regolamenti tal-Malta FA.

**f) Grounds**

i) Il-Kompetizzjoni u Festivals tal-futbol organizzati mill-Għaqda għandhom isiru fi grawnds li jiddeċiedi l-Kunsill. L-ebda Klabb / Nursery m`għandu dritt li jipprotesta biex jibdel il-Ground Venue.

ii) Kull Klabb / Nursery huwa obbligat li josserva l-qisien tal-*Field of Play*, lasti eċċ skont kif stipulat mill-*Youth and Grassroots Committee* tal-Malta F.A jew miċ-Ċentru Tekniku minn żmien għal żmien.

**g) Blalen**

Il-Klabbs / Nuseries għandhom l-obbligu li għal-logħob iniżżlu magħhom żewġ blalen adekwati għal-logħob. Dawn il-blalen iridu jkunu ta` qies skont il-Kompetizzjoni u li skont ir-Referee tal-partita dawn il-blalen huma tajbin għal-logħob.

Meta jiġi rrapportat li xi Klabb / Nursery ma jkunx ħa blalen għal-logħob adekwati, il-Klabb / Nursery teħel multa ta' 25 ewro. F`każ li jiġi rrapportat li ż-żewġ Klabbs / Nurseries ma kellhomx blalen adekwati għal-logħob u għalhekk il-logħba ma setgħetx issir, il-Klabbs / Nurseries jeħlu multa ta` 25 ewro kull wieħed kif ukoll jittieħdu miżuri oħra.

Il-qies tal-Blalen għall-U/17 u U/15 għadu jkun ta' Size 5. Il-Kumplament tal-Festivals/Tournaments varji, għandu jkun skont kif stipulat miċ-Ċentru Tekniku jew l-Malta F.A minn żmien għal żmien.

## 7. Amalgamazzjoni ta' nurseries

a) Timijiet li jixtiequ jamalgamaw ma' xulxin bħala tim wieħed fil-kompetizzjonijiet tal-YFA u liema timijiet ikunu spiċċaw f'Sezzjonijiet differenti fil-kampjonat preċedenti, għandhom id-dritt li jagħżlu f'liema Sezzjonijiet ser jilagħbu mis-Sezzjonijiet li jkunu spiċċaw fihom fl-istaġun ta' qabel it-timijiet li ser jamalgamaw. Il-YFA għandha tkun infurmata b'dan sa mhux aktar tard minn 15 -il ġurnata qabel it-tlugħ tal-poloz. Amalgamazzjoni wara t-tlugħ tal-poloz mhix permessa.

b) F'każ li l-amalgamazzjoni tiġi xolta wara staġun jew aktar, it-timijiet involuti jkunu jistgħu jipparteċipaw bħala tim ġdid li qed jikkompeti għall-ewwel darba fil-kompetizzjonijiet u għaldaqstant għandu jibda minn l-aħħar Sezzjoni bħala tim separat mill-istaġun li jkun imiss. Din tapplika għal kull tim li fl-istaġun ta' qabel ikun involut fl-amalgamazzjoni.

## 8. Deċiżjonijiet tal-Bord tad-Dixxiplina ta` The Youth F.A.

a) Dawk in-Nurseries li jkunu mitluba jidhru quddiem il-Bord tad-Dixxiplina jistgħu jagħżlu li ma jidhrux, billi bil-miktub jinfurmaw lis-Segretarju Ġenerali ta` The Youth F.A. sa mhux anqas minn tlett (3) ijiem mid-data tas-smiegħ, li jkunu qed jaċċettaw l-akkuża miġjuba kontrihom, kif ukoll jaċċettaw kull deċiżjoni meħuda mill-Bord tad-Dixxiplina. Il-Bord tad-Dixxiplina jista' jissospendi lill-Uffiċjal / Membru / Coach / Plejer / Steward / Ground Inspector, jew xi persuna oħra sakemm jidher quddiem il-Bord tad-Dixxiplina.

b) Dak l- Uffiċjal / Membru / Coach / Plejer / Steward / Ground Inspector, jew xi persuna oħra li tkun akkużata u/jew mitluba biex tidher quddiem il-Bord tad-Dixxiplina u ma tidhirx mingħajr raġuni valida teħel multa ta` 25 ewro. Filwaqt li l-Bord jista' jieħu dixxiplina fin-nuqqas tal-akkużat/i.

c) Il-Bord tad-Dixxiplina jista' jressaq il-każ jekk ikun meħtieġ quddiem il-Kunsill ta` The Youth F.A.

d) Id-deċiżjonijiet ta`dixxiplina meħuda mill-Bord ikunu dawk kif mitluba fil-Competition Rules / Statut ta` The Youth F.A. Kwalunkwe ħaġa li tiġi quddiem dan il-Bord li ma tkunx imdaħħla f`dawn ir-regolamenti, għandhom jiġu applikati r-regoli tal- Malta F.A.

e) Is-Segretarju tal-Bord tad-Dixxiplina irid javża fi żmien adekwat lill-Klabbs / Nurseries / Uffiċjal / Membru / Coach / Plejer / Steward / Ground Inspector, jew xi persuna qabel ma ser ikun jiltaqa' l-Bord tad-Dixxiplina. Fl-ittra għandhom jingħataw id-dettalji kollha bħal: il-lok, il-ħin, u l-akkuża.

f) Is-Segretarju Ġenerali flimkien mal-President tal-Youth FA jiddeċiedu jekk każ ta'dixxiplina jinstemax quddiem il-Kunsill jew f'dan il-Bord.

g) Deċiżjonijiet meħuda mill-Bord tad-Dixxiplina dwar perjodu ta' sospensjoni jew multi li jeċċedu l-€500, in-nursery tista' fi żmien ħamest ijiem mid-data tad-deċiżjoni tal-Bord tagħmel talba bil-miktub lis-Segretarju Ġenerali tal-Youth FA, kontra depożitu ta' €100 sabiex tinstema' quddiem il-Kunsill. Jekk id-deċiżjoni tibqa' skont dik meħuda mill-Bord, id-depożitu ta' €100 jintilef.

## 9. Kontroll tal-logħob

a) Il-logħbiet ta' The Youth FA jiġu kkontrollati mir-Referees tal-Malta F.A., jew persuni li jkunu awtorizzati mill-Għaqda jew rappreżentanti tagħha preżenti fil-Ground.

b) Il-Klabbs / Nurseries huma mitluba li jżommu mad-dmirijiet / regolamenti fir-rigward ta' Club Linesmen, hekk kif mitluba fl-għoti ta' liċenzji lin-Nurseries maħruġa mill-Malta FA. Kif ukoll, li josservaw dak kollu marbut sew dwar il-kontroll / parteċipazzjoni skont l-istruzzjonijiet maħruġa mill-Youth FA, l-Malta FA, jew ir-Referees Board.

## 10. Abbandun ta' logħba

Meta tkun abbandunata logħba kompetittiva, japplikaw dawn ir-regoli;

a) Jekk Klabb / Nursery jinstabu ħatja li l-abbandun sar minħabba mġieba ħażina jew xi nuqqas ieħor mill-Plejers, Membri tal-Kumitat, Coaches jew Partitarji ta' l-istess Klabb / Nursery, dan jitlef il-logħba (2-0) u l-Kunsill jista' jieħu miżuri oħra dixxiplinari skont kif jidhirlu.

b) Jekk jirriżulta li l-ebda Klabb / Nursery m'għandu ħtija ta' l-abbandun, jidħlu r-regolamenti tal-MFA.

c) Jekk iż-żewġ Klabbs / Nurseries jinstabu ħatja ta' l-abbandun tal-logħba, il-punti jintilfu miż-żewġ timijiet u l-Kunsill jieħu miżuri dixxiplinarji kontra ż-żewġ Klabbs / Nurseries kif jidhirlu li hu meħtieġ. F'każ li l-logħba tkun Knock-Out, jew Decider, dawn il-klabbs / Nurseries jiġu sospiżi skont kif jiddeċiedi l-Kunsill barra pieni oħra li l-Kunsill jista' jieħu skont il-gravità tal-każ.

## 11. Lista tal-Plejers u Uffiċjali tal-Club / Nursery fil-logħob kompetittiv

a) Klabb/Nursery għandha tissottometti l-*lineup* fuq is-sistema tal-COMET sa mhux aktar tard minn tletin minuta qabel il-bidu tal-partita.

b) Id-delegat tal-klabb / nursery irid jippreżenta l-*lineup form* maħruġa mill-COMET flimkien ma' tlett (3) kopji lill-Ground Inspector qabel il-logħba.

c) Mingħajr COMET Line-up, il-logħba ma tintlagħbx.

d) F'każ li jkun hemm bżonn tibdil ta' plejers wara li tkun sottomessa l-*lineup* fuq il-COMET, qabel il-logħba, għandha timtela' iċ-*Change or Correction to the Official Match Report Form already given to the Referee.* Din tinsab annessa ma' dan id-dokument bħala *"*Appendix A". Tlett kopji

ta' din il-formola għandhom jiġu ppreżentati lir-Referee flimkien mal-*lineup* pprintjata mill-COMET.

e) L-erba' (4) Uffiċjali (flimkien mal-Mediku Kwalifikat, Goalkeeper Coach u Physical Trainer Kwalifikat) li jkunu ġewwa l-G.R.A irid jkollhom isimhom imniżżel fuq il-Line-Up.

f) L-Uffiċjali tal-club/nursery għandhom l-obbligu li jkollhom magħhom dokument validu, biex iservi ta' mezz ta' identifikazzjoni jekk meħtieġ. F'każ li xi Uffiċjal ma jurix dan id-dokument meta jiġu mitluba, ir-Referee għandu d-dritt li jkeċċi lil dan l-Uffiċjal mill-Ground Restricted Area. F'nuqqas li jiġi osservat dan ir-regolament, il-Klabb / Nursery jiġi awtomatikament immultat 10 ewro apparti xi miżuri dixxiplinarji oħra. F'każ illi l-każ jerġa' jirrepeti ruħu l-Klabb / Nursery jiġi mmultat 25 ewro kull darba apparti passi dixxiplinarji oħra.

g) Il-*line-ups* għandhom jiġu mogħtija lir-Referee fil-bidu tal-logħba. F'każ ta' nuqqas ta' dan, it-tim involut apparti l-multa ta' 50 ewro, tista' tittieħed dixxiplina oħra mill-Kunsill apparti li tista' wkoll tkun iddikkjarata Walk-over mill-Kunsill/Bord tad-Dixxiplina, kemm –il darba r-Referee ma jibdiex il-logħba kaġun ta' dan in-nuqqas.

h) In-Nursery hija responsabbli li jkollha Coach b'liċenzja fuq il-bank għal-kull logħba skont kif mitlub miċ-Ċentru Tekniku. Il-Ground Inspector huwa fid-dover li jiċċekkja l-liċenzja tal-coaches. Id-dettalji, jiġifieri, it-tip ta' liċenzja u n-numru tal-liċenzja tal-*coaching* għandhom jitniżżlu il-Match Inspector's Report. F'każ li xi nursery ma jkollhiex coach ikkwalifikat fuq il-bank għal-logħba kollha, din teħel 50 ewro għal-ewwel każ u 100 ewro għal-kull każ sussegwenti.

i) F'każ li xi nursery ma jkollhiex delegat fuq il-bank għal-logħba kollha, din teħel 50 ewro għall-ewwel każ u 100 ewro għal kull każ sussegwenti.

## 12. <u>ID Cards tal-Plejers</u>

a) L-Malta F.A. toħroġ ID Cards għal kull Plejer irreġistrat magħha. Il-validità tar-reġistrazzjoni issir mill-uffiċjal inkarigat mir-reġistrazzjonijiet fil-Malta F.A.

b) Fil-Kompetizzjonijiet / Festivals / Tournaments ta' "The Youth F.A." (U/13, U/15, U/17) il-Klabb / Nursery hu obbligat li juri l-ID Cards maħruġa mill-Malta.F.A jew mill-"The Youth F.A." jew tal-Gvern ta' Malta (bir-ritratt) jew passaport (bir-ritratt) tal-Plejers imniżżlin fuq il-*line-up* lit-tim oppost. Id-dokumenti għandhom ikunu orġinali. Dawk il-Plejer(s) li ma tiġix murjia tip ta' identifikazzjoni kif imsemmi hawn fuq u jkun(u) mniżżla fuq il-*line-up*, jitqies(u) li huma ineliġibbli.

c) Iċ-*checking* tal-cards jew dokumenti uffiċjali huwa obbligatorju. Dawk it-timijiet li ser ikunu qed jipparteċipaw f'xi partita fil-kompetizzjonijiet tal-Youth FA, huma obbligati li sa mhux aktar tard mill-bidu tal-partita, jippreżentaw il-kards kif ukoll il-plejers lid-delegat tat-tim oppost.

d) La darba ġew ippreżentati l-kards qabel it-tisfira tal-bidu tal-logħba, il-proċess ta' checking tal-kards għandu jitqies li kien beda u għalhekk għandu jkompli billi jiġu ppreżentati wkoll il-plejers. Il-Match Inspector għandu jagħmel nota fuq il-Match Inspector Report jekk il-kards u l-plejers kinux preżentati fil-ħin.

e) Jekk id-delegat ikun sodisfatt bil-kards provduti lilu dan għandu jikkonferma dan b'firma fuq il-Match Inspector Report.

f) Jekk ikun hemm xi oġġezzjoni jew ilment fuq xi kard jew kards, dan għandu jitniżżel fuq il-Match Inspector Report u jiġi kkonfermat b'firma.

g) Jekk il-kards ma jkunux preżentati, il-Match Inspector għandu jagħmel nota ta' dan billi jikteb li dawn ma ġewx preżentati. It-tim li ma ġewx preżentati lilu l-kards, għandu jinfurma lill-Match Inspector kif ukoll lill-Match Official u lid-delegat tat-tim oppost, li huma kienu ser jilagħbu taħt protest għaliex il-kards kif ukoll il-plejers ma ġewx preżentati lilu.

h) Huwa taħt protest biss li l-partita tista' tiġi ddikjarata mirbuħa minn xi tim jew ieħor fil-każ li l-kards ma jiġux preżentati.

i) Kull ilment dwar l-ID Cards għandu jiġi mressaq għand il-Ground Inspector qabel il-bidu tal-partita, fejn dan għandu d-dover li jinvestiga w jikkonferma l-ilment mat-tim oppost, u wara jagħmel rapport bil-miktub. Dan għandu jitlob ukoll il-konferma b'firma fuq il-*Ground Inspector Match Report* tad-delegati tat-timijiet.

j) Fejn jirriżulta li m'hemmx ilment, il-ground inspector għandu jniżżel fuq il-formola tar-rapport li fil-bidu tal-logħba ma kienx hemm oġġezjoni dwar identità tal-cards kif ukoll jitlob il-konferma b'firma fuq il-*ground inspector match report* tad-delegati tat-timijiet.

k) "The Youth F.A." toħroġ ID Cards għal kull plejer *enrolled* magħha fil-livell U/9 u U/11. Fil-Festivals ta' "The Youth F.A." (6 – 12 –il sena) il-Klabb / Nursery hu obbligat li juri l-ID Cards uffiċjali maħruġa minn "The Youth F.A." tal-Plejers imniżżlin fuq il-Line Up qabel il-logħob. Dawk il-Plejers li ma tiġix murija l-ID Card tagħhom u jkunu mniżżla fuq il-*line-up* jistgħu jitqiesu li huma ineliġibbli u għaldaqstant ma jistgħux jieħdu sehem f'dik il-partita.

## 13. <u>Sostituzzjonijiet waqt il-logħba</u>

a) Kemm fl-Under 17 kif ukoll fl-Under 15 jista' jsiru sa mhux aktar minn ħames (5) sostituzzjonijiet. Plejer li jkun ġie sostitut f'logħba ma jistax jerġa' jieħu parti f'dik il-partita stess.

b) Kull tim hu ntitolat sa massimu ta' tlett (3) *substitution timeouts* li matulhom jistgħu jsiru s-sostituzzjonijiet.

c) Meta sostituzzjoni(jiet) issir(u) fil-*half time*, din ma tiġix ikkunsidrata bħala waħda mis-*substitution timeouts.*

d) Fil-kompetizzjoni U/13 u fil-Festivals organizzati minn "The Youth F.A." in-numru ta' sostituzzjonijiet jiġi deċiż mar-regolamenti partikolari.

## 14. <u>Release tal-Plejer</u>

Klabb / Nursery huma mitluba josservaw ir-regolamenti ta' "The Youth F.A." jew tal-Malta F.A. f'dan ir-rigward.

## 15. Numru ta' Plejers fil-Ground

Għall-Kompetizzjoni 'Under 17' u 'Under 15' Klabb / Nursery għandu jinżel għal-logħob bi ħdax (11) -il plejer u fi kwalunkwe każ ma jistax jibda l-logħba b'inqas minn disa' (9) plejers. Il-logħba tiġi abbandunata skont ir-regolamenti tal-MFA. Fil-lista jitniżżlu mhux aktar minn seba' (7) sostituti.

Fl-U/13 Inħobb il-Futbol u fil-Festivals organizzati minn "The Youth F.A." in-numru ta' Plejers u b'kemm wieħed jista' jibda l-logħba jiġi deċiż mir-regolamenti partikolari.

## 16. Għaxar Minuti

Klabb / Nursery għandu jkun preżenti fl-Ground fil-ħin stabbilit / avżat għal-logħob kif avżat fuq il-Fixture List. Jekk Klabb / Nursery ma jkollux mill-inqas disa' (9) plejers sa għaxar minuti mill-ħin stabbilit, jista' jiġi ddikkjarat mill-Kunsill jew Bord tad-Dixxiplina li tilef il-logħba.

F'każ li Klabb / Nursery jinstab ħati li ta Walk-Over jiġi mmultat 200 ewro, jitlef it-tliet punti li jingħataw lit-tim oppost u tingħata b`rebħa ta' 2 – 0, dejjem lit-tim oppost.

Jekk Klabb / Nursery jagħti tliet (3) Walk-Overs matul l-istaġun dan il-Klabb / Nursery jiġi mneħħi mill-Kampjonati / Kompettizzjoni / Festival u b'riserva jekk jikkompetix fl-iStaġun ta' wara.

Il-Klabb / Nursery ħatja jeħlu 25 ewro multa oħra li tagħmel tajjeb għat-trasport tat-tim oppost. Din il-25 ewro għandha tingħata lit-tim oppost, mingħajr l-obbligu li l-Klabb / Nursery jikteb għaliha.

## 17. Fixtures

a) L-Għaqda tipprepara l-Fixtures bid-dati u l-ħinijiet fuq bażi regolari jew skont in-neċessità. Ebda Fixture ma tista' tiġi mibdula jekk mhux b'deċiżjoni tal-Kunsill jew tal-Uffiċjali jew mil-Bord inkarigat mil-fixtures.

b) Il-Kunsill jirriserva d-dritt li f'ċerta ċirkostanza jista' jagħti logħob ta' U/17 jew U/15 jew U/13 fl-istess ġurnata iżda mhux fl-istess ħin.

c) Il-Kunsill jirriserva d-dritt li f'ċerta ċirkustanza jista' jagħti logħob tal-U17 u/jew U15 matul il-ġimgħa.

d) Dawk it-teams li jkollhom aktar minn żewġ (2) plejers u/jew plejer li jilgħab bħala goalkeeper u li jkunu msejjħa biex jilgħabu f'xi team nazzjonali, it-team tagħhom jiġi eżentat milli jingħata fixtures f'dak il-perjodu. Dawk it-timijiet li jkollhom żewġ (2) plejers jew anqas mgħajjta man-nazzjonal m'għandhomx dritt għal din l-eżenzjoni.

e) Fil-bidu ta' l-istaġun kull nursery tingħata opportunita biex tagħżel żewġ (2) dati biex tkun ikkunsidrata eżenzjoni ta' logħob f'dawk il-ġranet. Safar u affarijiet oħrajn personali mhumiex ikkunsidrati.

f) Kull Nursery hija obbligata li tosserva li Tournament / Festivals / Fun Games eċċ ma jaħbtux mal-Fixture tal-Youth FA.

## 18. Ground Restricted Area (G.R.A)

Fil-livell ta' Kompetizzjoni 'Under 15' u 'Under 17' għandhom jidħlu ġewwa l-Ground Restricted Area:

a) L-uffiċjali fil-Ground Restricted Area jistgħu jkunu:
   i) Delegat tan-nursery – dan huwa obbligatorju u għandu jkun membru tal-kumitat tal-istess nursery;
   ii) Coach tat-tim – ikkwalifikat u liċenzjat kif jitlob l-istess Statut u Competition Rules ta' l-Għaqda. Dan il-Coach irid ikun ġie approvat b'liċenzja maħruġa mill-MFA. Il-klabb/nursery għandu jinforma bil-miktub jekk ikun hemm tibdil ta' coach.
   iii) Assistant Coach – ikkwalifikat u liċenzjat bħal fil-każ tal-coach;
   iv) Head Coach – ikkwalifikat u liċenzjat bħal fil-każ tal-coach. Il-Head Coach għandu jitniżżel bħala 'Team Manager' fuq il-COMET Line-up;
   v) Goalkeepers Coach – ikkwalifikat u liċenzjat miċ-Ċentru Tekniku tal-MFA;
   vi) Physical Trainer – ikkwalifikat u liċenzjat miċ-Ċentru Tekniku tal-MFA;
   vii) Tabib / Fiżjoterapista – ikkwalifikat

   L-ismijiet imsemmija hawn fuq għandhom ikunu approvati kollha fuq COMET skont il-kategorija li jaqgħu fiha qabel ma jibdew il-kompetizzjonijiet.

b) Massimu ta' seba' (7) sostituti li jridu jkunu bil-kit komplut.

c) Fl-U/13, U11, Festivals / Events organizzati minn "The Youth F.A." in-numru ta' Plejers u Diriġenti ġewwa l-G.R.A jiġi deċiż mar-regolamenti ta' kull kategorija.

## 19. Crowding

Klabb / Nursery li l-Plejers tagħhom jiġu rrapportati mir-Referee u / jew Ground Inspector li ċċirkondaw / dawwru (crowding) lill-Uffiċjali tal-partita, jeħlu multa ta' mhux inqas minn 400 ewro barra miżuri oħra li jistgħu jittieħdu mill-Bord tad-Dixxiplina, kif ukoll mill-Kunsill.

## 20. Punti mneħħija mill-Klassifika

Jekk Klabb / Nursery jiġi mneħħi mill-Kompetizzjoni jew Festival b'deċiżjoni tal-Kunsill jew jirtira, ir-riżultati tal-partiti li jkun lagħab jitneħħew kollha, filwaqt li għal-logħbiet li jkun fadal li jintlagħbu jitqiesu li qatt ma kienu maħruġa.

Kull nursery għandha l-obbligu li tinforma lill-YFA li ser tirtira mill-kompetizzjoni sa ħmistax (15) –il ġurnata qabel jitilgħu l-poloz. F'dan in-nuqqas, in-nursery teħel multa' ta' 500 ewro fuq kull kategorija li tirtira minnha.

Il-Kunsill tal-Youth FA għandu d-dritt jieħu deċiżjoni dixxiplinarja fuq dak il-Klabb / Nursery li jirtira mil-Kompetizzjoni tal-Under 15 u Under 17. Dak il-Klabb / Nursery li jirtira l-parteċipazzjoni tiegħu u jkun irid jipparteċipa fl-istaġun ta' wara għandu jagħmel garanzija ta' €1,000 fuq kull tim li jkun irtira. F'każ li Klabb / Nursery jerġa' jirtira mill-parteċipazzjoni tiegħu, il-garanzija ta' ta' €1,000 li jkun għamel qabel it-tlugħ tal-poloz jitlifha awtomatikament minbarra penali oħra hekk kif stipulat fl-iStatut.

## 21. Ċerimonja qabel u wara l-Partita

a) Qabel tibda l-logħba l-Plejers iridu joħorġu f'nofs il-Ground flimkien mar-Referee fejn it-timijiet skjerati faċċata ta' xulxin jieħdu b'idejn xulxin.

b) Wara tmiem il-partita l-plejers huma obbligati li jieħdu b'idejn xulxin qabel joħorġu mill-ground fil-preżenza tal-Uffiċjali tal-logħba.

## 22. Kit tal-Plejers

It-timijijet meta jinżlu għal-logħob kollu organizzat jew inkella bil-permess ta' "The Youth F.A." irid:

a) In-numru fuq il-flokk jikkorispondi mal-Line Up. In-numru jrid ikun mill-lanqas 25 ċentimetru. Klabb / Nursery jistgħu jużaw reklami, fuq il-flokkijiet basta dan ma jeċċediex 300 ċentimetru kwadru w qabel jintbagħat disinn tar-reklam għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Ma jistgħux isiru reklami dwar partiti politiċi. Jekk Klabb / Nursery tonqos milli tagħmel dak li hawn miktub u tinstab ħatja, teħel multa ta` mhux anqas min 50 ewro u mhux aktar minn 100 ewro.

b) *Shin Guards* tul il-logħob kollu. Klabb / Nursery li jiġi rrapurtat li xi Plejers minn tiegħu ma għamlux użu jew neħħew għal xi perjodu tal-logħba x-*shin guards* jiġu mmultati mhux anqas minn 10 ewro u mhux iżjed minn 25 ewro.

## 23. Bdil ta' Kuluri

Klabb / Nursery qabel kull staġun iridu jirreġistraw ma' l-Għaqda l-kuluri tal-flokkijiet / shorts / kalzetti, li jkunu ser jużaw għal-logħob matul l-iStaġun. Il-Home Team għandu dejjem jinżel b'żewġ settijiet ta' flokkijiet, inklużi tal-goalkeepers, ta' kulur differenti minn tat-tim oppost. Jekk logħba ma tkunx tista' ssir minħabba clash fil-kuluri, it-tim li suppost bidel il-kuluri, jista' jiġi ddikjarat bħala dak li tilef il-partita.

## 24. Ineliġibbiltà

Meta Klabb / Nursery jinsab ħati li għamel użu minn plejer ineliġibbli (sew jekk lagħab kif ukoll jekk ma lagħabx) fil-livell ta' Kompetizzjoni Under 15 u Under 17, dan jitlef il-logħba u tiġi mirbuħa (2-0) mit-tim avversarju, barra miżuri oħra li jistgħu jittieħdu mill-Protest Board kif ukoll mill-Kunsill.

## 25. Superviżjoni waqt il-Logħob

Il-Youth FA għandha d-dritt li taħtar grupp ta' persuni u/jew aġenziji sabiex jaqdu d-doveri ta' Ground Inspectors waqt il-logħob uffiċjali tal-Youth FA. In-nurseries huma obbligati li jħallsu għal dan is-servizz, pro-rata. F'każ li l-YFA titlob, minħabba ċirkostanzi mprevisti, li s-servizz isir direttament min-nurseries, dawn jitħallsu wkoll pro-rata għas-servizz li jagħmlu.

## 26. Stewards

**a) Struzzjonijiet / Proċeduri / Dixxiplina dwar Stewards**

(i) Kull nursery għandha l-obbligu li tinnomina mhux anqas minn ħames (5) persuni biex ikunu Stewards f'isem in-nursery waqt il-logħob tal-Kampjonati/K.O./Festivals organizzati minn The Youth F.A.

(ii) Stewards iridu jkun t'eta ta' 18 –il sena u aktar, jiġu rreġistrati fuq formola maħruġa fil-bidu ta' l-istaġun mill-Assoċjazzoni. Għandhom jitniżżlu l-indirizz, in-numru tat-telephone, u l- I.D. Card No. ta' kull persuna. F'każ ta' tibdil fil-persuni reġistrati, s-segretarju tan-nursery għandu bil-miktub jinforma mill-aktar fis, lis-Segretarjat tal-Youth F.A.

(iii) Kull Steward irid ikun imparzjali, eżemplari u jikkomunika mal-Ground Inspector u l-uffiċjali tal-logħba.

(iv) Kull nursery tigi moghtija (3) bibs ghal uzu ta' l-istewards. In-nursery hija responsabbli ghal bibs. Importanti li l-bib tintlibes kif suppost tul il-ħinijiet kif stipulati f'dawn ir-regolamenti. Dawk in-nursery li l-istewards taghhom jonqsu li jagħmlu dan, jiġu mmultatti €15.00 l-ewwel offiża bil-każijiet ta' wara l-multa tkun deċiża mil-Bord tad-Dixxiplina tal-Youth F.A.

**b) Proċeduri**

(i) Steward għandu jkun preżenti 15 –il minuta qabel il-bidu tal-logħba. Jippreżenta l-I.D. Card tiegħu lill-Ground Inspector, jilbes il-bib ta' STEWARD provduta min nursery tieghu bil-marka. Taħt kull ċirkustanza Steward huwa obbligat jibqa' liebes il-Bib sa tmiem id-doveri tiegħu.

(ii) Kull steward huwa fid-dover li qabel tibda l-logħba, jiffirma u jniżżel l-I.D Card tiegħu fuq il-match report li tkun għand il-Ground Inspector preżenti f'dik il-logħba partikulari. Huwa mportanti li jkun hemm ħin qabel il-logħba biex iż-żewġ stewards jitkellmu flimkien mal-Ground Inspector dwar kif iridu jimxu u jaġixxu fiċ-ċirkustanzi li jista' jkun hemm.

(iii) Mhux permess li Steward jidħol fil-*Ground Restricted Area* jekk mhux bil permess tal-Ground Inspector jew l-uffiċjali tal-logħba.

(iv) L-Isteward jibqa' responsabbli sakemm it-tim tiegħu jitlaq mill-Ground. Għaldaqstant għandu jsegwi mill-qrib it-tluq tat-tim tiegħu miż-żona tal-Ground.

(v) Qabel it-tluq tiegħu mill-Ground, l-Isteward jista' jiġbed l-attenzjoni tal-Ground Inspector, dwar xi rapport ta' nuqqasijiet jew proċeduri li jistgħu jgħinu fit-tħaddim ta' din is-sistema.

(vi) F'każ ta' bżonn Steward jista' jintalab biex jagħmel rapport bil-miktub.

(vii) Mhux permess f'ebda ħin, li Steward ikellem lir-referee jekk ma jkunx mitlub mill-Ground Inspector jew mill-istess uffiċjali tal-logħba.

(viii) L-Assocjazzjoni fil-bidu ta' l-istaġun jew meta jinħass il-bżonn tinforma lin-nurseries il-Grounds li fihom ikun meħtieġ li jkun hemm aktar minn Steward wieħed u ċirkustanzi rikjesti.

**c) Objettivi**

(i) L-Istewards huma mitluba biex ikunu f'postijiet ċentrali, fejn ikun hemm is-supporters tat-tims tagħhom u jaraw, li kemm jista' jkun jinżamm <u>spirtu sportiv</u>.

(ii) Huwa ferm importanti li jkun hemm kolloborazzjoni sħiħa bejn l-stewards taż-żewġ nurseries involuti waqt il-logħba.

(iii) Irid jintlaħaq l-għan bil-koperazzjoni ta' kulħadd, li nedukaw sens ta' dixxiplina fost is-supporters, plejers, coaches u diriġenti. L-Isteward għandu jkun punt ta referiment li bl-eżempju tiegħu naslu għal dan il-għan.

(iv) Kull Steward huwa fid-dmir jara, li l-uffiċjali tal-logħba jkunu protetti bil-għajnuna jekk tkun meħtieġa ta' membri tal-kumitat tan-nursery.

**d) Dixxiplina**

(i) Kull rapport mir-referee jew Ground Inspector dwar nuqqas ta' doveri minn Steward, jiġi nvestigat mill-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni/Bord tad-Dixxiplina. Il-Kunsill/Bord tad-Dixxiplina jieħu kull dixxiplina skont kif mitlub fil-Competition Rules/Statut ta' l-Assoċjazzjoni. In-nursery hija responsabbli wkoll għan-nuqqasijiet mill-Isteward innominat f'isimha.

(ii) Steward irrapurtat li ma kienx preżenti, awtomatikament in-nursery tiegħu tiġi mmultata €25. Jekk dan in-nuqqas ikun irrapurtat aktar minn darba l-multa tkun ta €35. Steward li ma jkunx liebes il-bib, in-nursery tiegħu tiġi mmultata multa ta' €25.

(iii) Steward li jkun irrapurtat b'komportament ħażin ta' gravita minima, n-nursery nvoluta tiġi mmultata multa ta' mhux anqas min €100, u sospenssjoni ta' perjodu lil dak l-Isteward involut.

(v) L-Assoċjazzjoni żżomm id-dritt li tista' tibdel, iżżid jew tnaqqas skont il-ħtieġa minn dawn l-iStruzzjonijiet, Proċeduri u Dixxiplina fir-rigward ta' Stewards.

## 27. Servizz Mediku

a) Servizz mediku għandu jkun provdut lin-nurseries waqt kampjonati U/14, U/15 u U/17 kif ukoll waqt 9-12 Events u liema spejjeż jiġu assorbiti mill-MFA skont kif komunikat f'Ċirkulari 90/2019-2020 tal-MFA. Huwa meqjus li l-plejers kollha tan-Nursery/Klabb għandhom il-kunsens tal-ġenituri / *legal guardians* tagħhom sabiex jagħmlu użu mill-istess servizz mediku waqt l-istess logħob, sakemm l-Assoċjazzjoni ma tkunx infurmata bil-kontra mingħand in-Nursery.

b) Logħob mill-Kampjonati/Kompetizzjonijiet/Festivals organizzati f'isem il-Youth FA u li fihom ma jkunx hemm preżenti servizz mediku, dak il-logħob m'għandux jibda.

Proċedura: Għandu jingħata 15 -il minuta ċans mill-ħin uffiċjali tal-fixture qabel ma din tiġi kkanċellata bil-konferma tal-Youth FA.

c) Protokol Mediku: Huwa obbligu li kull nursery affiljata mal-Youth FA ikollha protokol mediku aġġornat ta' kull tifel li jitħarreġ fin-nursery. Il- protokol mediku huwa obbligatorju għall-etajiet kollha minn meta l-plejer ikun ser jibda t-taħriġ tiegħu għall-ewwel darba.

(i) Il-protokol mediku huwa wieħed privat u kunfidenzjali.

(ii) Kull rapport mediku bejn l-eta' ta' 6 u 17 –il sena, huwa validu għal sentejn (2) u jkun jeħtieġ li jinbidel wara sentejn (2) , u sakemm ma jkunx hemm każ li dan minħabba xi kundizzjoni ġdida jinbidel qabel iż-żmien mitlub. It-terminu ta' dan iż-żmien (sentejn) huwa validu għall-kompetizzjoinjiet/events u festivals tal-Youth FA biss. Iż-żmien ta' validità jista' jinbidel skont

il-ħtieġa mogħtija lill-Assoċjazzjoni minn persuni esperti f'dan il-qasam. F'każ ta' kontrolli taċ-ċertifikati, tgħodd il-proċedura tal-Malta F.A.

(iii) Kull rimarki li jkun hemm fir-rigward tas-saħħa tal-plejer għandhom jiġu diskussi mal-coach/Head Coaches/helper li jkunu jassistu lit-tifel ikkonċernat, kif ukoll jekk ikun meħtieġ jittieħed parir mediku mit-tabib tan-nursery.

(iv) In-nursery hija marbuta biex kull meta jkun hemm trasferiment ta' plejer min-nursery għall-oħra, il-protokol mediku jingħata lill-ġenitur biex dan jingħata lil dik in-nursery li l-plejer ikun ser imur jitħarreġ magħha.

(v) Bħala parti minn kontroll tas-sistema u biex tiġi assigurata li tingħata l-importanza lejn kull plejer, minn żmien għal żmien, il-Youth FA ser tagħmel kontrolli fuq line ups fejn in-nursery involuta tiġi mitluba biex tipproduċi l-protokol mediku ta' dawk kollha li jidhru fuq il-lineup fi żmien 48 siegħa. Dawk il-plejers li ma jkunux fil-pusses ta' protokol mediku għand in-nursery u isimhom jidher fuq il-line up, jiġu awtomatikament sospiżi u sakemm jippreżentaw kopja oriġinali tal-protokol mediku, il-plejer inkwistjoni ma jkunx jista' jilgħab.

## 28. <u>Polza t'Assigurazzjoni</u>

Polza t'Assigurazzjoni hija obbligatorja għan-nurseries kollha li jipparteċipaw fil-kategoriji tal-U17, U15 u U13. Plejers li jilagħbu fil-league tal-U14 għandhom ukoll ikunu koperti bil-polza t'assigurazzjoni provduta mill-YFA. Ir-rata ta' ħlas tkun reveduta kull staġun skont il-*claims* li jkunu saru matul l-istaġun ta' qabel. Timijiet f'kategoriji / etajiet oħrajn jistgħu jkunu wkoll inklużi f'din il-polza.

Kopja tal-polza tingħata lil kull nursery.

## 29. <u>Protesti</u>

Id-Dixxiplina u Protesti għandhom isiru kif hemm provdut fl-Istatut tal-Għaqda.

a) Protesti dwar logħbiet għandhom isiru bil-miktub u jaslu għand is-Segretarjat ta' The Youth FA fi żmien jumejn (2) mid-data tal-logħba (Ħdud u Festi esklużi) fil-ġranet u ħinijiet tal-ftuħ ta' l-Assoċjazzjoni.

b) Għandha ssir talba waħda (1) oriġinali ffirmata mis-Segretarju tan-nursery fejn fiha għandu jagħti raġuni/jiet b'referenza speċifika tar-regolament/I mikur/a, u għaliex qed isir il-protest, flimkien ma' depożitu ta' €100 li dan jintilef jekk il-protest ma jiġix milqugħ.

c) Fil-każ li l-protest jiġi milqugħ, il-Klabb / nursery jingħataw il-flus lura, wara li tkun inżammet €25 *administration fee*.

d) In-nursery li tinstab ħatja teħel multa hekk kif jidher hawn taħt:
   (i) L-ewwel każ: Għad-diskrezzjoni tal-Bord
   (ii) It-tieni każ: €100
   (iii) It-tielet każ: €200
   Fejn nursery tinstab ħatja f'aktar minn tlett (3) każi fi staġun wieħed, is-Segretarju/a tal-Bord tal-Protesti għandu jinforma lis-Segretarju Ġenerali tal-Youth FA sabiex iressaq quddiem il-

Kunsill dan in-nuqqas, fejn tista' tittieħed azzjoni biex in-nursery tiġi sospiża mil-kompetizzjonijiet tal-Assoċjazzjoni.

e) Il-Bord tal-Protesti għandu d-dritt li jirrakkomanda lill-Kunsill biex tittieħed azzjoni kontra dik in-nursery li fl-opinjoni tiegħu tkun kisret parti mill-iStatut jew Regolamenti tal-Kampjonat, apparti d-deċiżjoni meħuda mill-Bord tal-Protesti fuq il-każ in-kwistjoni.

Għall-appelli fuq deċiżjonijiet tal-Protest Board, il-Klabb / Nursery ikkonċernat irid jagħmel talba, bil-miktub, lis-Segretarju Ġenerali tal-Youth FA, fi żmien ħamest (5) ijiem mir-riżultat tal-Protest Board, għall-approvazzjoni tat-tali talba. Wara li tintlaqa' t-talba, in-nursery għandha tikteb lill-MFA bl-appell, fi żmien ħamest (5) ijiem mid-data tal-aċċettazzjoni mis-Segretarju Ġenerali.

## 30. <u>Emendi għar-Regolamenti tal-Kompetizzjoni</u>

Emendi għal dawn ir-regolamenti, inklużi l-formati tal-kompetizzjonijiet isiru mill-Kunsill qabel il-bidu tal-istaġun. Dawn l-emendi jiġu ċċirkulati lill-Klabb / Nursery affiljati qabel jibda l-logħob Kompetittiv.

## 31. <u>Permess għal-Logħbiet u organizzazjoni ta' Tournaments u Festivals</u>

a) Klabb / Nursery li jkunu jridu jilagħbu partiti ta' ħbiberija kontra timijiet stranġieri jew inkella jorganizzaw Tournaments jew jieħdu sehem f'Tournaments kemm lokali kif ukoll barra minn Malta jridu jitolbu bil-miktub lil Malta F.A. għall-permess u kopja lis-Segretarjat ta' "The Youth F.A."

b) It-talba uffiċjali (bid-dettalji kollha) trid tintbagħat lis-Segretarju Ġenerali tal-MFA mill-anqas xahar qabel ma tkun ser isseħħ l-attività. F'każ li Klabb / Nursery jonqos li jagħmel dan jiġi imwissi jew immultat minn "The Youth FA" jew mill-Malta FA.

c) "The Youth FA" m'hijiex ser tevita Fixtures ta' Kompetizzjonijiet / Festivals / Tournaments organizzati mill-Assoċjazzjoni f'dan ir-rigward.

## 32. <u>Associate Members 2</u>

Dawk il-Youth Klabbs / Nurseries li jkunu rikonoxxuti skont kif jitlob l-iStatut bħala Associate Member 2 huma fid-dover li jonoraw il-Competition Rules tal-Assoċjazzjoni kif ukoll:

a) Trid tinħareġ reġistrazzjoni speċjali mingħand "The Youth F.A.", lil dak il-Plejer ta' dak l-Associate Member 2, kif ukoll Card speċjali bir-ritratt w informazzjoni oħra, li dawn jiġu reveduti f'kull bidu ta' kull staġun.

b) "The Youth F.A." iżżomm id-dritt li tista' tneħħi reġistrazzjoni / Card ta' Plejer ta' Associate Member 2, kull meta jinħass il-bżonn ta' nuqqas jew ksur ta' regolamenti / oħra.

c) Plejer li jkun reġistrat għand "The Youth F.A." fuq il-Green Passport ta' Associate Member 2 tul dak l-istaġun ma jistax jilgħab ma' Youth Club / Nursery oħra.

d) L-Associate Member 2 m'għandu ebda dritt ta' ħlas (kumpens) jekk Plejer tiegħu jmur ma' Klabb / Nursery oħra.

e) Associate Member 2 għandu permess biex jipparteċipa f'Festivals, Tournaments u Friendly Matches fil-livelli tal-Under 13, 11 & 9 organizzati minn "The Youth F.A." kif ukoll minn Klabb / Nursery oħra li jkunu affiljati ma` l-Assoċjazzjoni, dejjem taħt ir-regolamenti kif ukoll permessi meħtieġa mill-Assoċjazzjoni.

## 33. <u>Imġieba ta' Uffiċjal / Membru tal-Kumitat, Plejers, Coaches u Partitarji</u>

**a) Uffiċjal / Membru tal-Kumitat**

Dawk Uffiċjali / Membru tal-Kumitat li jiġu rrapportati b'komportament ħażin waqt il-logħob organizzat mill-Youth FA, ie Kampjonati / Knock-Out Competitions / Festivals jew attivitajiet oħra u li ma tkunx ittieħdet ebda dixxiplina fil-konfront tagħhom jistgħu jiġu akkużati mill-Bord ta` The Youth FA., kif ukoll mill-Kunsill.

(i) Jekk Uffiċjal / Membru tal-Kumitat jinstab ħati jista' jiġi sospiż, immultat jew it-tnejn flimkiem.

(ii) L-Uffiċjal / Membru tal-Kumitat li jinstab ħati, jista' jeħel penali ta' mhux anqas minn 250 ewro u mhux iżjed minn 500 ewro.

(iii) L-Uffiċjal / Membru tal-Kumitat li jinstab ħati, jista' jeħel perjodu li tkun bejn xahar u sena.

**b) Plejers / Coaches**

Dawk il-Plejers / Coaches li jiġu rrapportati b'komportament ħażin qabel, waqt u wara l-logħob organizzat mill-Youth FA, i.e. Kampjonati / Knock-Out Competitions / Festivals jew attivitajiet oħra u li ma tkunx ittieħdet ebda dixxiplina fil-konfront tagħhom jistgħu jiġu akkużati mill-Bord tal-Kontroll u Dixxiplina ta` The Youth FA, kif ukoll mill-Kunsill.

(i) Jekk Plejer / Coach jinstab ħati jista' jiġi sospiż, immultat jew it-tnejn flimkien;

(ii) Il-Plejer / Coach li jinstab ħati, jista' jeħel penali ta` mhux anqas min 250 ewro u mhux iżjed minn 500 ewro;

(iii) Il-Plejer / Coach li jinstab ħati, jista' jeħel perjodu li tkun bejn xahar u sena.

**c) Partitarji**

Il-Klabb / Nursery hija responsabbli għall-partitarji tagħha. Jekk partitarju / partitarji ta` Klabb / Nursery instab / jinstabu, ħati / ħatja li:

(i) Tefgħu xi oġġetti oħra fil-Ground qabel, waqt u wara il-logħba jistgħu jeħlu multa ta` mhux inqas minn 250 ewro għall-ewwel każ. F'każ li dan jerġgħu jiġu akkużati u jinstabu ħatja jistgħu jeħlu multa ta' mhux inqas minn 500 ewro u mhux iżjed minn 1000 ewro. Barra dan jistgħu jittieħdu miżuri oħra bħala dixxiplina, kemm mill-bord tad-dixxiplina, kif wkoll mill-Kunsill.

(ii) Li nvadew il-Pitch (GRA) qabel, waqt, jew wara il-partita mingħajr il-permess meħtieġ mill-Assoċjazzjoni, jeħlu multa ta' mhux anqas minn 250 ewro u mhux aktar minn 1000 ewro, barra xi pieni oħra, fosthom it-tnaqqis ta' punti, li jista' jimponi l-Bord tal-Kontroll u Dixxiplina, kif wkoll il-Kunsill, skont il-gravità tal-każ.

(iii) Li sparaw xi murtali jew xi logħob ieħor tan-nar fil-Ground jew fil-viċinanza qabel, waqt jew wara l-partita jeħlu multa ta' mhux anqas minn 350 ewro u mhux aktar minn 500 ewro, kif wkoll jistgħu jeħlu l-ispejjeż ikkawżati minn dan il-logħob tan-nar, barra xi pieni oħra li jista' jimponi l-Bord tal-Kontroll u Dixxiplina jew il-Kunsill.

(iv) Li qalu kliem abbużiv u/jew dagħa, u/jew kliem ieħor ipprojbit, u/jew għamlu mosi dispreġġjattivi lejn uffiċjali, plejers, coaches, u/jew partitarji oħra, u li instigaw qabel, waqt u wara l-partita jeħlu multa ta' 100 ewro, barra xi pieni oħra li jista' jimponi l-Bord tal-Kontroll u Dixxiplina, kif wkoll il-Kunsill.

**d) Ħsarat fil-grounds jew faċilitajiet**

Meta Nursery tinstab ħatja li xi uffiċjali, delegati, coaches, plejers jew partitari tagħha ikkaġunaw ħsara fil-grounds jew faċilitajiet, hija responsabbli li tħallas għal din il-ħsara u kull pass dixxiplinarju ieħor li jista' jieħu l-Bord. Il-Klabb / Nursery li tkun ġiet ikkawżata l-ħsara fil-propjetà tagħha għandha tagħmel rapport bil-miktub, kif wkoll tibgħat riċevuta tal-ħsara kkawżata fi żmien sebat (7) ijiem mill-ġurnata tal-inċident.

**e) Razziżmu**

In-nursery li s-supporters/diriġenti/coaches/plejers tagħha jkunu rrappurtati b'xi mezz ta' razziżmu u li dan jiġi approvat mill-Kunsill jew xi Bord, rikonoxxut mill-Youth FA, in-nursery involuta tista' teħel multa ta' mhux anqas minn 250 ewro u mhux aktar minn 500 ewro, flimkien ma' dixxiplina oħra li tista' tittieħed f'dan ir-rigward, apparti sospensjoni ta' persuni għal perjodu.

## 34. <u>Użu ta' apparat elettroniku</u>

L-użu ta' *electronic communication equipment* huwa permess diment li jintuża b'mod dirett għal fini ta' *player welfare* jew sigurta', jew inkella għal skopijiet tattiċi jew ta' *coaching* (hekk kif stipulat fl-IFAB Laws of the Game (Law 4)).

Għal kwalunkwe tip ta' filming tal-partiti mill-Ground Restricted Area (GRA) għandha issir talba bil-miktub lis-Segretarju Ġenerali tal-Youth FA sabiex din tkun ikkunsidrata.

## 35. <u>Mementos u Trofej</u>

a) Dawk in-nurseries li jkunu ġew mgħotija xi unur fi tmiem ta' dak l-istaġun partikulari, għandhom kull responsabbiltà tal-memento jew trofej mgħoti lilhom. In-nurseries għandhom jirritornaw it-trofej għand il-Youth FA fi żmien ġimgħatejn minn meta jiġu mgħotija.

b) It-trophies u/jew midalji li jingħataw meta jiġi organizzat xi Tournament, Festival, jew Fun Games għall-kategorija minn U/11 l-isfel, lill-Klabbs / Nurseries jew lill-plejers għandhom ikunu kollha l-istess għat-timijet u/jew il-parteċipanti kollha. M`għandha tingħata l-ebda importanza lill-klassifika waqt dawn l-avvenimenti.

## 36. PLAYFAIR Award

L-Assoċjazzjoni flimkien ma' sponsors oħra li jista' jkollhom interess, qed jifformaw pool biex imorru lejn dik in-nursery, li matul dak l-istaġun tkun marret tajjeb fl-imġieba tagħha tal-plejers, coaches, kumitat u supporters. Dan l-*award* ikun magħruf bħala l-PLAYFAIR AWARD. Ir-rebbieħ irid ikollu sa mhux aktar minn għaxar (10) yellow cards u ebda red card diretta, kif ukoll nuqqasijiet li jkunu dehru quddiem il-Bordijiet tad-Dixxiplina u tal-Protesti rispettivament tal-Youth FA, jew każijiet ta' mġieba ħażina quddiem xi Bord ta' l-MFA. Il-klassifika finali toħroġ fi tmiem l-istaġun u tkun relatata ma' persentaġġ fuq kemm ikun lagħab it-tim. Il-Youth FA iżżomm id-dritt li dan l-unur u dak relatat miegħu jistgħu ma jingħatawx jekk ma jintlaħqux il-kriterji li jidhru f'dan ir-regolament, jew fi proposta li tintbgħat lin-nurseries fil-bidu ta' l-istaġun.

## 37. Talbiet meħtieġa għall-parteċipazzjoni f'tournaments/festivals lokali u barra minn Malta minn plejers/coaches/diriġenti f'isem skejjel jew clubs li mhux liċenzjati mill-M.F.A. jew affiljati mal- Y.F.A.

a) Plejers reġistrati jew enrolled ma' nursery huma fid-dover li jitolbu permess bil-miktub lin-nursery, kemm –il darba jkunu ser jilagħbu f'isem skola jew ma' tim ieħor, li mhux miegħu huma reġistrati jew enrolled, f'tournaments, logħob ta' ħbiberija jew xi forma oħra ta' kompetizzjoni sew lokali kif ukoll barra minn Malta. Jekk jonqsu li jagħmlu dan, jistgħu jittieħdu passi kontrihom mill-Youth FA.

b) Coaches/dirigenti li jirrappreżentaw tim f'isem skola jew xi forma oħra ta' club, li mhix nursery uffiċjali, huma mitluba biex jinfurmaw bil-miktub lill-Youth FA u/jew lil Malta F.A. dwar il-parteċipazzjoni tagħhom. Jekk coach/diriġent jonqos li jagħmel dan, l-Assoċjazzjoni tista' tieħu passi dixxiplinarji kontrih, jew tirreferi l-każ quddiem wieħed mill-bordijiet tal-Youth FA jew Malta F.A.

## 38. Regoli u Proċeduri tal-Malta F.A.

Kwalunkwe ħaġa li tiġi quddiem il-Kunsill jew Bord maħtur mill-Kunsill li ma tkunx imdaħħla f'dawn ir-regolamenti għandhom jiġu applikati r-regoli tal-Malta F.A. F'każ ta' kunflitt, ir-regolamenti l-ġodda jieħdu l-preċedenza fuq dawk ta' qabel.

## 39. Regolamenti marbuta ma' Covid-19

a) F'każ illi tim ikollu 8 plejers jew aktar fuq kwarantina mandatorja jew li ttestjaw pożittivi għal Covid għandhom id-dritt li l-logħba tagħhom tkun posposta. Din tgħodd għall-plejers biss u mhux applikabbli għal coaches u delegati.

   It-tim għandu jippreżenta ċertifikazzjoni uffiċjali sa 48 siegħa qabel il-logħba li tikkonferma li l-plejers in-kwistjoni jinsabu kwarantina jew huma pożittivi għall-virus.

Din il-klawsola tgħodd għal matul il-kampjonat biss u mhix applikabbli għall-fażi ta' gruppi fejn f'dan il-każ logħba tkun dikjarata bħala walk-over.

b) Nursery hija intitolata li tagħmel co-option ta' żewġ membri biss fil-kumitat matul l-istaġun.

c) Peress li l-logħob tal-kampjonat ser jintlagħab bil-bibien magħluqa, kull tim se jkun intitolat sa massimu ta' ħames (5) delegati (skont kif jidhru fuq il-lista mibgħuta lil u approvata mill-YFA) biex ikunu jistgħu jaraw it-tim tagħhom jilgħab mill-istands.

d) Kull tim għandu jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu żewġ (2) blalen li huma fit for play u li għandhom ikunu sanitizzati qabel il-bidu tal-partita.

e) Jekk nursery tinqabad li qed tikser xi parti minn l-istruzzjonijiet maħruġa, tkun suġġetta għal dixxiplina li tista' tissarraf f'multi jew tnaqqis ta' punti skont il-każ.

## 40. <u>Force Majeur</u>

Jekk f'cirkustanzi straordinarji, il-kampjonat jiġi terminat qabel iż-żmien għal raġunijiet li mhumiex fil-kontroll tal-ebda parti u li jkun impossibbli li jitlesta, il-Kunsill tal-YFA iżomm id-dritt li jiddeċiedi x'jiġri mill-kompetizzjoni u l-klassifiċi skont iċ-ċirkustanzi.

## 41. <u>Deċiżjonijiet Finali</u>

Deċiżjonijiet kollha tal-Kunsill huma finali u mhux appellabbli.

## 42. <u>Interpretazzjoni tar-Regolamenti</u>

Il-Kunsill għandu dritt li jinterpreta dawn ir-regolamenti.

**Stephanie Rocco**
**Segretarja Ġenerali YFA**

**Verżjoni kif approvata mill-Kunsill tal-YFA fit-28 ta' Settembru 2020**

**Appendix A – Change or correction to the Official Match Report Form already given to the Referee**

# OFFICIAL MATCH REPORT FORM

# COMPETITION RULE 18 (II) (A)

**Correction to the Official Match Report Form which has already been CONFIRMED on COMET or given to the Referee**

Date: ________________ Competition: ________________________________

Match: __________________________ vs. ____________________________

Club: ____________________________________________________________

Kindly note that Player: __________________________________________________

With Shirt No: ________________ Comet ID No: __________________

- Is being added to the Official Match Report ☐
- Is being removed from the Official Match Report ☐
- Changed his shirt no. to ________________ ☐
- Is being replaced by player: ______________________________ ☐
  With Shirt No: _______ Comet ID No: _______

Signed by Club Official / Captain: ______________________________________

Signed by the Referee: ______________________________________